**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Silvander Falzon**

**Omissis,**

**Omissis,**

**U**

**Mohamad Chikh Ali**

**Kumpilazzjoni 205/2025**

**Illum, 09 t'April 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**SILVANDER FALZON** ta’ sbatax-il (17) sena, iben Fabio u Priscilla xebba Xuereb, ta’ Nazzjonalità Maltija, imwieled il-Pietà, nhar it-tnejn (2) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa (2007), residenti ġewwa Blk T, Fl 5, Triq Eugenio Borg, Ħamrun, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 190407L;

Omissis,

Omissis, u

**MOHAMAD CHIKH ALI** ta’ dsatax-il (19) sena, iben Olian Chikh Ali, ta’ Nazzjonalità Sirjana, imwieled is-Sirja, nhar it-tmienja (8) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), residenti ġewwa 11, Iskra, Triq Karmnu Abela, il-Ħamrun, detentur tal-permess ta’ residenza Maltija bin-numru 106713A.

**Akkuzati talli:**

Matul il-lejl ta’ nhar il-ħamsa u għoxrin (25) u s-sitta u għoxrin (26) ta’ Ottubru[1] tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) fil-parkeġġ ta’ Gianpula Mainroom, limiti tar-Rabat, Malta u/jew f’bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta’ ħaddieħor f’periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mauro Mifsud, Brayden Vince Camilleri, Mikael Sammut u Matias Sammut;

Artikoli 64(2), 214, 215, 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta

[1] Skond talba u digriet relattiv mghoti fis-seduta tad-19 ta’ Dicembru 2024 a folio 120 tal-process.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fi ġlieda aċċidentali, Mauro Mifsud, Brayden Vince Camilleri, Mikael Sammut u Matias Sammut, baqgħu offiżi fuq il-persuna, u ma insabx min kien l-awtur tal-offiża, fejn l-akkużati ħadu parti attiva kontra l-offiżi, fejn l-offiża gravi ġabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 u/jew l-offiża gravi tkun mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;

Artikoli 237(b) u (ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Mauro Mifsud, Brayden Vince Camilleri, Mikael Sammut u Matias Sammut billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja kull artikolu li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittmi tar-reati relattivi.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu

533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;
F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat l-ammissjoni tal-imputat registrata fl-ewwel seduta u cioe fid-09 ta' Dicembru 2024.

Semghet lill-imputat Silvander Falzon jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tad-09 ta' Dicembru 2025.

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-imputat Mohamad Chikh Ali jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tad-09 ta' Dicembru 2025.

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga'

jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.

Rat il-pre-sentencing report prezentat mill-Ufficcjal tal-Probation fil-konfront tal-imputat Mohamad Chikh Ali Dokument AG fis-seduta tat-12 ta' Frar 2025.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Semghet lill-imputat Silvander Falzon jikkonferma l-ammissjoni tieghu fis-seduta tal-lum.

Semghet lill-imputat Mohamad Chikh jikkonferma l-ammissjoni tieghu fis-seduta tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor:**

Illi l-imputati kienu involuti fi glieda li sehhet flimkien ma' terzi ohra fil-parkegg ta' Gianpula Mailroom, limiti tar-Rabat, Malta, f'liema glieda gew imwegga' l-parte civile.

Illi l-imputat tressqu sabiex jirrispondu ghall-akkuzi odjerni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tad-09 ta’ Diċembru 2024, l-imputat Silvander Falzon irregistra ammissjoni inkondizzjonata għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi waqt dik l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputat regaʼ afferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien raġonevoli jirrikonsidra il-pożizzjoni tiegħu u tali ammissjoni u affermazzjoni ġiet debitament reġistrata.

Illi fis-seduta tad-09 ta’ Diċembru 2024, l-imputat Mohamad Chikh Ali irregistra ammissjoni inkondizzjonata għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi waqt dik l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputat regaʼ afferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien raġonevoli jirrikonsidra il-pożizzjoni tiegħu u tali ammissjoni u affermazzjoni ġiet debitament reġistrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputati Silvander Falzon u Mohamad Chikh Ali l-akkużi jirriżultaw pruvati u għaldaqstant il-Qorti ma tistax ħlief issib ħtija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti rat illi l-imputati huma t-tnejn ta’ eta tenera u għandhom fedina penali netta. Illi l-Qorti tawgura li dan l-inċident jibqaʼ wieħed iżolat u li l-imputati ma jergħgħux ixellfu difrejhom mal-ġustizzja.

Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputati għandhom jagħmlu servizz bla ħlas fil-komunita sabiex jagħtu lura lis-soċjeta biex jikkumpensaw għall-ħsara li għamlu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 64 (2), 214, 215, 216 218, 237(b) (c), 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **SILVANDER FALZON HATI** tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, izda tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tqis li piena karcerarja mhix idoneja f'dan il-kaz, u konsegwentament ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation u that Ordni ta' Servizz fil-Komunita taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation, liema terminu ta' probation huwa ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, u liema Ordni ta' Servizz fil-Komunita hija billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza. Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghhom jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Ai termini tal-Artiklu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda ukoll tohrog Ordni ta' Pagament fil-konfront tal-hati Silvander Falzon ghall-kwart tal-ispejjez dovuti lill-parte civile, kif jirrizultaw minn dawn l-atti.

Stante illi sal-gurnata f'liema l-hati rregistra l-ammissjoni tieghu l-ebda espert ma kien ghadu ressaq ir-rapport tieghu, t-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward taht l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tistax tigi milqugha.

Fit-tieni lok:

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 64 (2), 214, 215, 216 218, 237(b) (c), 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **MOHAMAD CHIKH ALI HATI** tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, izda tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tqis illi piena karcerarja mhix idoneja f'dan il-kaz, u konsegwentament ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446, qeghda tpoggi lill-hati Mohamad Chick Ali taht Ordni ta' Probation u that Ordni ta' Servizz fil-Komunita taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation, liema terminu ta' Probation huwa ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, u liema Ordni ta' Servizz fil-Komunita hija billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza. Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghhom jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Ai termini tal-Artiklu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda ukoll tohrog Ordni ta' Pagament fil-konfront tal-hati Mohamad Chikh Ali ghall-kwart tal-ispejjez dovuti lill-parte civile kif jirrizultaw minn dawn l-atti.

Stante illi sal-gurnata f'liema l-hati rregistra l-ammissjoni tieghu l-ebda espert ma kien ghadu ressaq ir-rapport tieghu, t-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward taht l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi milqugha.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tal-ordnijiet fuq imsemmija lid-Direttur tal-Probation u Parole.

Il-Qorti spjegat lill-hati Silvander Falzon fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti spjegat lill-hati Mohamad Chikh Ali fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 09 t'April 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur